# L-Għaqda tal-Knisja Parrokjali mad-Dar Imqaddsa ta' Loreto

*Dun Karm Cassar*

F'Għawdex għandna xi knejjes aggregati spiritwalment ma' knejjes ta' titlu pontifiċju, bħalma hija l-Bażilika tal-Patroċinju fl-Għasri, il-Bażilika ta' San Ġorġ fir-Rabat, u issa wkoll il-Bażilika ta' San Pietru Pawl tan-Nadur.

Ftit forsi huma dawk li jafu li ż-żewġ knejjes parrokjali ta' Għajnsielem huma amalgamati spiritwalment mad-dar imqaddsa ta' Loretu li tinsab meqjuma b'għożża kbira ġo Bażilika Pontifiċja – Dik ta' Loretu fl-Italja.

Sa mill-1921, fuq talba li għamel il-qatt minsi kappillan Dun Franġisk Mizzi, il-Knisja Parrokkjali ta' Għajnsielem ġiet aggregata (adjicimus et agqreqamus) mad-dar imqaddsa Lawretana tal-Belt ta' Loretu.

Id-dar imqaddsa hi Santwarju Pontifiċju amministrata minn Delegat Pontifiċju u Arċisqof ta' Loretu. Anness mal-Bażilika Lawretana jinsab il-'Palazz Appostoliku' u l-knisja parrokkjali tagħna tgawdi minn dawk il-privileġġi spiritwali li jintrebħu fid-dar Imqaddsa, Indulġenzi Plenarji fi ġranet determinanti u taħt is-soliti kondizzjonijiet mitluba u li huma applikabbli għall-erwieħ tal-purgatorju.



Fis-sangristija tal-knisja l-qadima tinsab diploma kbira u sabiħa iffirmata mill-Eminenza tiegħu l-Presb Kardinal Sbarretti li ġġib id-data ta' 10-12-MCMXX.

L-Indulġenza plenarja tintrebaħ fit-twelid tal-Mulej, fit-twelid tal-Verġni Marija, fil-Kunċizzjoni, fit-tħabbira tal-Mulej u fl-10 ta' Diċembru.

Hi ħasra li mal-mewt tal-Kappillan Mizzi ma baqgħux jitħabbru minn fuq l-artal il-ġranet li fihom jistgħu jintrebħu l-indulġenzi plenarji li kienu ġranet li fihom mal-antiporta tal-knisja l-Qadima konna naraw imwaħħla tabella bil-kliem 'Indulġenza Plenarja' ħaġa li llum faċli tista' tiġi avżata wisq tajjeb permezz tal-Bullettin parrokkjali li jaslilna fid-djar tagħna kull ġimgħa.

Inżid ngħid li fuq talba li saret fi żmien l-arċipriet Zerafa fl-10 ta' Settembru 1991, l-istess privileġġi ġew estiżi anke għall-knisja l-Ġdida.

Bit-tama li ssir xi ħaġa għall-ġid spiritwali ta' ruħna u għas-suffraġju tal-erwieħ qed nikteb dan l-artiklu.